MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 318/2003

**IRINA MALIKOVA F'ISIMHA PROPRJU U BHALA DIRETTRICI U SEGRETARJA TA' "INTERNATIONAL CHARITY SOCIETY" U BHALA LEGITTIMA RAPPREZENTANTI AD LITEM TAL-MINURI IVAN ZAITSEV**
**vs**
**RITA SCICLUNA**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni prezentata mill-attrici quddiem din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003 li fiha wara li ppremettiet illi hija ufficcjalment autorizzata biex tikontrolla l-visita ta' minorenni ta' citadinanza Russa f'Malta ghal periodu ta' vakanza; illi l-istess minorenni Russi jigu Malta bl-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet governattivi u amministrattivi fir-Russja skond il-kondizzjonijiet minnhom indikati, fosthom illi l-passaporti ta' l-istess tfal minorenni Russi, li l-istess ghandhom jinzammu u jibqghu fil-pussess esklussiv tal-attrici mill-hin li l-minorenni jaslu Malta sal-hin li jitilqu minn Malta biex jirritornaw fir-Russja, skond

dokumenti annessi bil-lingwa Russu u bit-traduzzjoni bl-ingliz; illi l-attrici kienet hadet il-passaport tal-minorenni Ivan Zaitsev, li twieled fl-24 ta' Marzu, 1991, nru. 60 no. 0790959, ghand l-ufficcju tal-immigrazzjoni fil-kwartieri generali tal-pulizija biex tigi estisa l-visa lil istess minorenni jista jibqa' Malta; illi l-konvenuta kienet tghin volontarjament fix-xoghol ta l-attrici u tal-International Charity Society u din kienet talbitha biex tiritra l-istess passaport mill-ufficcju ta' l-immigrazzjoni fuq indikat; illi l-konvenuta irtirat l-istess passaport u abuzivament zammitu, irrifjutat li tirritornah lill-attrici; premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, TALBET biex tghid il-konvenuta ghaliex:
(1) m'ghandhiex id-dritt li tibqa tiddetjieni u tezercita d-dritt ta' possess fuq il-passaport Russu, nru. 60 no. 0790959 mahrug f'isem Ivan Zaitsev, u
(2) m'ghandhiex tigi kundannata fi zmien qasir u perentorju li tikkonsenja l-istess passaport lil attrici, nonostanti li giet interpellata taghmel hekk b'ittra ufficcjali tas-17 ta' Marzu, 2003, u baqghet inadempjenti.
Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-istess ittra ufficcjali, harrek lil konvenuta li tibqa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' April, 2003, li in forza tieghu laqghet it-talba ghas-smigh tal-kawza bl-urgenza, b'ordni li l-konvenuta tippresenta n-Nota tal-Eccezzjonijiet taghha sa mhux aktar tard tal-gurnata u l-hin li ghalliha tissejjah il-kawza;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li fiha eccipiet:-

i) li c-citazzjoni hija nulla stante illi ghalkemm hemm dikjarazzjoni mahlufa mill-attrici, din hija Russa, u ghaldaqstant l-attrici ma tikkonoxxix l-import ta' dak illi halfet, tant illi l-fatti kif mahlufa ma jirriflettux il-fatti kif graw ezattament. Ghaldaqstant, a tenur ta' artikolu 156.3 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kellu jigi anness affidavit b'lingwa illi tifhem l-attrici, li fih ikun hemm konferma, u dikjarazzjoni tal-fatti li l-attrici taf bihom personalment;
ii) li l-attrici m'ghandhiex interess guridiku fil-kawza, certament f'isimha propju, u di piu peress illi l-International

Charity Society ma hix persuna morali, jew korp maqghud, kwindi qatt ma jista jkollha dak l-interess guridiku biex toqghod fil-gudizzju jew tagixxi di sua sponte. Di piu, il-passport huwa proprjeta tal-Federazzjoni Russa, u l-attrici m'hix rappresentanti ufficcjali ta' dan l-istat, u ghalhekk, fi kwalunkwe kaz, qatt ma setghet tagixxi fl-istanti kontra l-konvenuta;

iii) li l-kwalita' premessa mill-attrici "bhala legittima rappresentanta *ad litem*" hija kwalita' inesistenti fil-ligi. Persuna tista' tkun jew "legittima rappresentanti" tal-minuri *ope legis* b'konsegwenza ta' l-awtorita parentali jew fin-nuqqas, trid tigi mahtura "kuratur *ad litem*" b'talba ad hoc mill-Qorti kompetenti wara illi jittiehed qies ta' l-interess tal-minuri. Ghalhekk il-kwalita' premessa ta' l-attrici sa fejn jirrigwarda l-minuri hija karenti u ghaldaqstant, il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

iv) li fil-mertu, u bla pregudizzju ghas-suespost, il-passaport tal-minorenni Ivan Zaitsev, ilu fil-pussess tal-konvenuta sa minn Jannar 2003 minghajr ebda opposizzjoni minn xi dipartiment lokali jew esteru. Di piu, l-imsemmi tifel ilu Malta mill-11 ta' Novembru 2002;

v) li d-dokumenti presentati mac-citazzjoni m'ghandhomx relevanza ghall-kaz odjern, apparti illi huma datati 22/04/02, peress illi l-imsemmi minorenni huwa min Bejezk city, u mhux minn Vishni Volochek, u di piu l-permess mill-orfanatrofju ta' Bejezk hawn unit (Dok RS 2R u RS 2E) ma jittrattax dwar min ghandu jzomm il-passaport. Di piu, permess biex tifla minorenni Russa, presenzjalment ma' familja Maltija, mahrug taht il-firma ta' l-istess persuna illi ffirmat id-dokumenti esebiti, jispecifika *'The host family is responsible for the child's wellbeing"* (Dok RSR1 u RSR2). Semai, l-interess guridiku, li jirrapresenta l-istanti kien jispetta lill-*host family* u mhux lill-attrici;

vi) li fi kwalunkwe kaz, fil-mertu irid jittiehed kont li dan il-minuri ilu sena u nofs mal-konvenuta u jinsab fl-ahjar stat ta' sahha fizika u morali. F'dan is-sens jekk kellhom jintlaqghu t-talbiet attrici b'mod illi l-minuri ser jigi mifrud minn mal-konvenuta, allura fid-dawl ta' dak illi jipprovdi artikolu 149 tal-Kap. 16, il-Qorti ghandha taghti kull provvediment illi jidhirlha xieraq fl-ahjar interess tat-tifel

minuri Ivan Zaitsev, u dan anke billi jigu michuda t-talbiet attrici.

Rat id-dikjarazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Semghet il-partijiet u l-Avukati taghhom;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkoncerna talba biex l-attrici tiehu lura f'idejha l-passaport tal-minuri Ivan Zaitsev, minuri ta' nazzjonalita' Russu, li kien ingieb hawn Malta fuq vaganza. Il-minuri kien jinsab f'orfanatrofju fil-belt ta' Bezetsk, gewwa ir-Russja, u ingieb hawn Malta, flimkien ma diversi tfal ohra, biex iqatta ftit jiem ma familja maltija li tkun lesta tofri l-ospitalita' taghha lill-dawn il-minuri. Il-vjagg isehh bil-hidma tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni tar-Russja b'kolloborazzjoni mal-awtoritajiet maltin. Waqt li jkunu hawn Malta, it-tfal jibqghu that il-kontrol tal-attrici u din izomm f'idejha l-passaporti u l-biljetti tal-ajru ta' dawn il-minuri. Gara, f'dan il-kaz, li l-minuri partikolari kien se jinzamm hawn Malta ftit aktar zmien milli previst, u ghalhekk kien hemm bzonn li jkollu estensjoni tal-*visa* tieghu. L-attrici applikat ghall-din l-estensjoni mal-Pulizija u bghatet lill-konvenuta tigbor il-passaport mill-ufficcju tal-Kummissarju tal-Pulizija. Tat dan l-inkarigu lill-konvenuta peress illi din, fuq bazi volontarja, kienet tghin lill-awtoritajiet Russi halli issehhu dawn il-btajjel kull tant zmien u, ghalhekk, kienet midhla tal-attrici. F'dan il-kaz, pero', il-konvenuta zammet il-passaport ghandha u qed tirrifjuta li tikkonsenja l-istess lill-attrici.

L-ewwel kwistjoni sollevata mill-attrici tolqot in-nullita' tac-citazzjoni peress li din giet ippresentata bil-lingwa maltija, waqt li l-attrici hija ta' nazzjonalita' Russu u ma tifhimx bil-malti. Din l-eccezzjoni, pero', m'ghandhiex fondament guridiku ghax il-ligi trid li kull citazzjoni tkun ippresentata fil-Qorti bil-lingwa maltija, anke jekk l-attur ikun stranjier, u

sta ghall-istess attur li jikkonferma li dak li qed jippresenta jirrispekkja it-talba li jkun irid jressaq ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti. Id-dikjarazzjoni trid ukoll tigi ppresentata bil-lingwa maltija u, l-istess, min jahlef id-dikjarazzjoni irid jaccerta ruhu, tramite persuna ta' fiducja tieghu, li dik id-dikjarazzjoni tindika dak li hu jrid jikkonferma. Min-naha l-ohra, jekk il-konvenut ma jkunx jifhem bil-lingwa maltija, huwa, jekk jaghmel talba lir-Registratur tal-Qorti fit-terminu preskritt, jista jitlob li jinghata kopja tal-att tac-citazzjoni bil-lingwa ingliza, u, f'dan il-kaz, iz-zmien ghall-presentata tan-nota tal-eccezzjonijiet jibda jiddekorri mid-data li hu jigi servut b'kopja bil-lingwa ingliza. Waqt is-smigh tal-kawza, il-Qorti tista, jekk iz-zewg partijiet ikunu jitkelmu bl-ingliz, jew, f'kaz li parti wahda biss titkellem bl-ingliz, jekk jaqblu l-partijiet, tordna li s-smigh tal-kawza issir bil-lingwa ingliza, izda jekk ma jkunx hemm dan il-qbil, jew jekk parti tifhem biss b'lingwa ohra li mhiex dik maltija jew ingliza, il-Qorti tkun trid tahtar interpretu biex kull parti tkun tista issegi l-process (ara l-Att Dwar Proceduri Gudizzjarji (Uzu ta' l-Ilsien Ingliz) – Kap.189). Imkien, pero', ma l-ligi tipprovdi li l-att tac-citazzjoni ghandha tigi presentata f'lingwa li mhiex dik maltija u, kwindi, din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta ghandha, kif se tigi, tkun michuda.

It-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta joltqu l-interess tal-attrici li tippromuovi din il-kawza. L-interess tal-attrici, pero', johrog mid-dokumenti li gew minnha esebiti u li jindikaw li l- orfanatrofju fejn kien mizmum it-tifel, u li kellha l-kustodja tal-passaport tal-minuri, fdat dan il-passaport f'idejn l-attrici. Minn dawn id-dokumenti jidher car li l-attrici inghatat r-responsabilita' mhux biss li tiehu hsieb it-tfal u li tara li din il-btala taghhom issehh minghajr diskapitu, izda li tikkustodixxi d-dokumenti li jikkoncernaw lit-tfal, u dan biex jigi assigurat li l-tfal, fi tmiem il-vaganza, imorru lura r-Russja qawwijien u shah u bla problemi.

Ma jirrizultax lanqas li s-socjeta' attrici, International Charity Society, m'ghandhiex personalita' guridika fiha infisha. L-artikolu 4(d) tal-Att Dwar L-Interpretazzjoni (Kap.249) jiddisponi li, sakemm is-sens ma jindikax mod iehor, f'kull ligi u f'kull Att tal-Parlament, l-espressjoni

‘persuna’, tinkludi “ghaqda jew korp iehor ta’ persuni, sew jekk dik l-ghaqda jew dak il-korp ikunu persuna guridika jew jekk le”. Din id-definizzjoni taghti tifsira wiesgha lill-kelma ‘persuna’, u tvesti bid-dritt li tadixxi l-Qorti lill-kull ghaqda jew korp, anke jekk dik l-ghaqda jew dak il-korp ma jkunx inkorporat. Is-socjeta’ attrici, l-International Charity Society, tikwalifika zgur bhala ghaqda jew korp u, indipendentement mill-fatt jekk hijiex persuna guridika jew le, bhala ‘persuna’ ghandha dritt tagixxi lill-din il-Qorti.

Mid-dokumenti esebiti jirrizulta wkoll li l-attrici giet fil-fatt mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri. Hija, fil-fatt, kienet ghamlet talba *ad hoc* f’dan is-sens u dina l-Qorti, diversament presjeduta, b’digriet tal-25 ta’ Marzu, 2003, kienet ikkonfermat lill-attrici bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Ivan Zaitsev u, allura, ma tezisti ebda karenza ta’ interess da parti tal-attrici.

L-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuta jolqtu l-meritu tat-talba attrici. Il-Qorti trid taghmilha cara li hija mhiex, f’dawn il-proceduri, mitluba tiddeciedi fuq il-kura u l-kustodja tal-minuri, u lanqas ma hi indikata tiddeciedi jekk hemmx jew le arrangament li dan il-minuri jibqa Malta; il-meritu ta’ din il-kawza jolqot biss il-passaport tal-minuri u, ghalhekk, mhux daqshekk rilevanti ghas-soluzzjoni ta’ din il-kawza min effettivament ghandu l-kura attwali tal-minuri u min ha hsieb l-istess minuri ghal dawn l-ahhar xhur. Il-konvenuta, jew kull *host family* li tkun qed tiehu hsieb minuri waqt il-btala tieghu hawn Malta, jista jkollha obbligu li thares il-*wellbeing* tal-minuri, izda dan ma jfissirx li hi bil-fors irid ikollha l-pussess tal-passaport tal-minuri. Fil-fatt, l-arrangament li hu fis-sehh meta il-minuri jkunu Malta, huwa li l-passaport jibqa f’idejn il-persuna inkarigata (l-attrici f’dan il-kaz) u ma jinghatax f’idejn il-familja li tkun qed tiehu hsieb il-minuri. Id-dokumenti esebiti u mahruga mill-orfanatrofju fejn hu kustodit il-minuri kollha jikkonfermaw li, waqt li l-minuri jkun Malta, dan jkun taht il-kontroll ta’ l-attrici bhala direttrici tal-International Charity Society, u li l-passaport relattiv ghandu jibqa biss f’idejn l-attrici. Biex familja tiehu hsieb il-bzonijiet naturali, is-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, mhux mehtieg li din ikollha fil-pussess taghha il-passaport

tal-minuri u, fil-fatt, l-arrangament hu li jekk tinqala' l-htiega li l-minuri jkun irid juri l-passaport, tissejjah il-persuna inkarigata u din tiehu hsieb dak li hu mehtieg.

Il-konvenuta uriet dokument li in forza tieghu kien gie accettat li l-minuri in kwistjoni jkun jista jibqa Malta sal-31 ta' Awissu, 2003, b'dan li l-minuri jkompli jattendi ghall-edukazzjoni tieghu fi hdan l-Ambaxxata Russa gewwa Malta, izda dan id-dokument bl-ebda mod ma jawtorizza lill-*host family* jew lill-konvenuta zzomm ghandha il-passaport tal-minuri.

Anke l-fatt li l-konvenuta bdiet proceduri ghall-adozzjoni tal-minuri ma jintitolahiex tikser l-arrangament li kien fis-sehh ghall-btala tal-minuri gewwa Malta u zzomm fil-pussess taghha il-passaport tal-minuri.  Il-konvenuta u zewgha jistghu jkomplu bl-isforzi taghhom li jippruvaw jaddottaw lil dan il-minuri, pero', sakemm dan isehh, l-arrangament huwa li l-minuri jinsab taht l-*overriding patronage* tas-socjeta' attrici, bid-dritt li r-rappresentanta taghha hawn Malta, l-attrici, izzomm ghandha il-passaport tal-minuri.

Din il-Qorti, ghalhekk, ma tara ebda ostakolu ghat-talbiet attrici; il-minuri in kwistjoni kien jirrisjedi f-orfanatrofju gewwa r-Russia u, meta jkun hekk, dak l-Istitut ikollu il-kustodja tal-minuri.  Dan l-orfanatrofju ikkonceda li l-minuri jigi Malta ghall-vaganza u ghall-bzonnijiet ta' sahtu u poggiet lill-minuri taht il-kura temporanja tas-socjeta' attrici, li, da parti taghha, kienet awtorizzata tallogja lill-minuri ma *host family*.   Ghall-tul iz-zmien li l-minuri jdum Malta, il-kontroll effettiv tal-minuri jibqa, pero', f'idejn is-socjeta' attrici, u din inghatala u ghandha d-dritt li zzomm fil-pussess esklussiv taghha l-passaport u l-biljetti tal-ajru tal-minuri.  Ghalhekk, salv kull dritt iehor li jista jkun spettanti lill-konvenuta *si et quatenus*, f'dan l-istadju u ghall-fini ta' dawn il-proceduri, il-passaport tal-minuri ghandu jigi ritornat lill-attrici.

Ghaldaqstant, ghall-dawn il-motivi, taqta w tiddeciedi din l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tilqa t-talbiet attrici u, ghall-fini tat-tieni talba, tipprefiggi lill-

konvenuta terminu perentorju ta' jumejn sabiex tikkonsenja l-passaport tal-minuri Ivan Zaitsev nru. 60 no. 0790959 lill-attrici.

L-ispejjez ta' din il-kawza, fic-cirkustanzi (anke ghalhiex id-dokumenti relattivi gew presentati f'din il-kawza u ma gewx murija lill-konvenuta meta talbithom b'ittra tat-18 ta' Marzu, 2003), jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, bid-dritt tar-Registru, pero', jithallas mill-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------